MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSEPH MIFSUD

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2015

Numru 1/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Justin Camilleri)**

**vs**

**Yinette Consuelo Guaquirian Pedrique**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Yinette Consuelo Guaquirian Pedrique** detentrici tal-passaport Venezwelan numru 57926638 billi hija akkuzata talli:

F'dawn il-Gzejjer, u cioe' gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, Floriana, nhar it-22 ta' Gunju 2015, b'qerq holqot jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hajta ta' reat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 110(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella b'qerq holqot it-tracci ta' reat b'mod li setghu inbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan bi ksur ta' l-Artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna, akkuzat lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fil-15 ta' Gunju 2015 gewwa Evans Building, Valletta, bejn is-07:30 hrs u 08:00 hrs kisret il-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied u bi ksur ta' Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqset milli tobdi l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku u cioe' ta' PC 1077 Anthony Theuma, jew ma hallietux jew fixklitu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlet fi dmiru, billi ma hallietx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew seta' jaghmel, jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li haddiehor kien ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm –il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma

jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta’ dan il-Kodici jew ta’ ligi ohra bi ksur ta’ Artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbet kontra l-persuna ta’ Raymond Mifsud sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, bi ksur tal-Artikolu 339 (d);

Il-Qorti giet umilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, l-imputat thallas lir-Registratur tal-ispejjez kollha jew parti minnhom, li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta u f’dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni skond Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat il-provi.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti speci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fil-15 ta’ Gunju 2015 gewwa Evans Building, il-Belt Valletta fejn l-imputata marret biex tinqeda fl-ufficcju tal-Identity Malta fejn hemm ukoll l-Ufficcju Elettorali.

L-imputata ppretendiet li taqbez il-*queque* minhabba kundizzjoni li ghandha f’ghajnejha (**Dok. YC 4 esebit f’dawn l-atti ccertifika li ghandha ulcera f’ghajnejha**).

Minhabba li l-imputata ma kienetx titkellem bil-lingwa Ingliza, l-komunikazzjoni bejnha u l-ufficjali ta’ Identity Malta, l-Ufficcju Elettorali u l-pulizija wasslet biex incident frivolu jikber, fejn l-imputata garbet griehi gravi f’idha meta waqghet waqt kommossjoni ta’ ftit sekondi bejnha u bejn il-pulizija.

Wara l-incident l-imputata ttiehdet fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt fejn minn hemm iddirigewha biex tmur Centru tas-Sahha u wara tmur lura biex taghmel rapport. L-imputata ma marritx lura l-Ghassa tal-Pulizija dakinhar imma marret il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fit-22 ta’ Gunju 2015 fejn fl-Ufficcju tal-Internal Affairs ghamlet dikjarazzjoni dwar l-incident li kellha f’Evans Building.
Jumejn wara regghet issejhet fil-Kwartieri tal-Pulizija fejn ittihditilha stqarrija, izda qabel nghatat l-opportunita’ li tkellem avukat tal-ghazla taghha.

Qabel ma’ l-Qorti tibda taghmel il-konsiderazzjonijiet legali taghha dwar il-kaz, fic-cirkostanzi thoss li huwa f’loku li jsiru dawn ir-rimarki dwar il-hinijiet tax-xoghol tal-pulizija u is-servizzi moghtija fil-bini tal-Evans Building u dan anke wara x-xiehda li l-Qorti semghet fuq inizjattiva taghha ta’ Ryan Spagnol minn Identity Malta u l-Maggur Patrick Bonnici.

**Hinijiet tax-xoghol tal-pulizija**

Illi waqt dan il-kaz irrizulta li l-kuntistabbli nvolut huwa ufficcjal tal-pulizija bi snin twal ta’ esperjenza u ezemplari fil-hidma tieghu.

L-incident li sehh jista’ jaghti l-kaz li kien konsegwenza ta’ ghejja wara *shift* shih ta’ bil-lejl. Jirrizulta li l-kuntistabbli wara tnax-il siegha xoghol, kompla ghaddej b’hidmietu. Il-Maggur inkarigat mid-*detail* spjega dwar n-nuqqas ta’

rizorsi umani u li l-kuntistabbli baqa' jahdem b'mod volontarju (jithallas minn min jopera l-Evans Building) u mhux ghax kien imgieghel ikompli b'*shift* iehor mid-dirigenti tal-Korp tal-Pulizija.

Il-Qorti tirrimarka li tkun tajjeb kemm tkun tajjeb, b'sahhtek kemm tkun b'sahhtek, zgur li ma tikkoncentrax fuq hidmietek wara tant sieghat ta' xoghol kontinwi minghajr hin adegwat ghall-mistrieh.

Id-Dipartiment tax-Xoghol tal-Istati Uniti tal-Amerika permezz tal-*Occupational Safety & Health Administration*[1] jwissi dwar *extended or unusual shifts*:

*"Extended or unusual work shifts may be more stressful physically, mentally, and emotionally. Non-traditional shifts and extended work hours may disrupt the body's regular schedule, leading to increased fatigue, stress, and lack of concentration.*

*These effects lead to an increased risk of operator error, injuries and/or accidents.*

*Society is oriented toward traditional daytime work hours and work at night will often intensify fatigue and reduce alertness.*

*Workers generally will not acclimate to night work, and sleep patterns will generally be disrupted so the non-work periods do not provide full recovery, resulting in sleep deprivation.*

[1] https://www.osha.gov/workers/index.html

*Studies suggest that it can take up to 10 days to adapt to a night time work schedule.*

*Fatigue is a message to the body to rest. It is not a problem if the person can and does rest. However, if rest is not possible, fatigue can increase until it becomes distressing and eventually debilitating. The symptoms of fatigue, both mental and physical, vary and depend on the person and his or her degree of overexertion. Some examples include:*

- *weariness*
- *sleepiness*
- *irritability*
- *reduced alertness, lack of concentration and memory*
- *lack of motivation*
- *increased susceptibility to illness*
- *depression*
- *headache*
- *giddiness*
- *loss of appetite and digestive problems*

*Emergency responders, particularly those who are assigned to work for extended hours, must be aware of the limitations of the protective equipment they use and the allowable or safe duration of exposure to hazardous environments. It is not practical or safe to wear some forms of protective equipment for extended periods. Fatigue and heat-related illness are common problems."*

Il-Qorti hija konvinta li kieku l-kuntistabbli kien aktar attent u kkoncentrat waqt hidmietu, dan l-incident li kien *a storm in a tea cup* u min jaf kemm l-istess

kuntistabbli iffaccja sitwazzjonijiet ferm aghar, ma kienx jispicca jikber kif kiber.

**Evans Building**

Il-Qorti kellha l-opportunita’ li tisma’ lill-impjegati ta’ Identity Malta u l-Ufficcju Elettorali dwar hidmithom. Mijiet ta’ persuni juzaw is-servizzi ta’ Identity Malta. Dawn ikunu gejjin minn pajjizi differenti u hafna minnhom la jitkellmu bil-Malti, la bl-Ingliz u lanqas jifhmu l-istess lingwi.

Ikun ghaqli li Identity Malta tinvesti f’*leaflet* b’lingwi varji biex il-persuni li jkunu jistennew fil-*queque* ikunu jafu l-procedura mehtiega sabiex jinqdew. L-impjegati fir-*reception* kuljum jiltaqghu ma’ sitwazzjonijiet ta’ persuni arroganti, bla manjieri u anke abbuzivi. Is-sistema tan-numri biex tinzamm l-ordni fil-*queque* u n-numru ta’ min imissu jinqeda jidher fuq *screen* hi tajba.

Il-Qorti m’hi kuntenta xejn kif min suppost kien inkarigat mis-sigurta’ (f’dawn il-proceduri waqt ix-xiehda tieghu qal li hu impjegat tal-Ufficcju Elettorali) agixxa f’dan il-kaz. Flok ikkalma s-sitwazzjoni sejjah lill-pulizija biex jiehu l-biljett tal-*queque* minn idejn l-istess imputata, li min-naha tieghu l-kuntistabbli kien goff mal-imputata biex johdilha l-biljett minn idejha.

Mhux accettabbli li l-ufficjal tas-sigurta’ kien bil-bermuda u minghajr indikazzjoni ta’ xejn li hu kien inkarigat mis-sigurta’. Persuna setghet facilment tahseb li dan kien hemm biex jinqeda u mhux biex jissorvelja l-post. Zgur li dan mhux *dress code* f’ufficcju pubbliku.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**L-ewwel u t-tielet imputazzjoni – Ksur tal-artikolu 110(1) u 101 tal-Kap 9**

Illi permezz tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra taghha l-imputata giet addebitata bir-reati kontemplati fl-Artikolu 110(1) u 101 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe iz-zewg forom ta' kalunja.

L-imputata fl-ewwel lok giet akkuzata bir-reat kif dispost fl-Artikolu 110 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta - 'l hekk imsejjah "holqien qarrieqi ta' provi foloz" li
jipprovdi is-segwenti:-

*"Kull min bil-qerq johloq jew igieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, jehel..."*

F'dan ir-reat l-imputat irid b'qerq johloq jew igieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkun jista' jingieb bi prova kontra persuna ohra sabiex tigi akkuzata kontra s-sewwa. Huwa importanti li l-malvivent ikun jaf li jkun qed jaghmel hekk b'mod doluz sabiex il-persuna innocenti tkun tista' taffaccja proceduri kriminali. L-element materjali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-fatt li bniedem jikkreja b'mod doluz fatt li jista' jintuza bhala evidenza f'kaz kriminali kontra persuna innocenti. L-element intenzjonali jikkonsisti fl-intenzjoni da parti tal-agent li jara li persuna innocenti tigi misjuba hatja jew akkuzata b'reat meta kien jaf li tali persuna hija innocenti. Dan ir-reat huwa kkonsmat fil-mument li l-elementi materjali u intenzjonali jikkonkorru - irrespettivament jekk persuna tressqitx il-Qorti jew le.

Il-Professur Sir Anthony Mamo[2] jikkwota l-Maino li jghid dwar dan ir-reat:

*"La calunnia reale consiste nel simulare a carico di persona che si sa innocente le tracce o gli indizi materiali di un reato .... Tale sarebbe il porre sul luogo del reato un oggetto simile a quello portato dalla persona che si vuole colpire, ovvero il porre sulla persona o nell'abitazione altrui un pugnale insanguinato, oppure una cosa furtiva."*

Il-Professur Mamo mbaghad jghid dwar dan ir-reat:

*"The constituent elements of this crime emerge clearly from its definition. The material element consists in fabricating, that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that that person be unjustly convicted of or charged with the offence. If these two elements concur the crime subsists, even though the person against whom the evidence was fabricated may not have been, in point of fact, convicted or even charged.... In the case of this form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority."*

Illi mid-dicitura tal-Artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir-reat hija illi taghmel hsara lill-persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunzja falza trid tkun tali illi a bazi tal-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal- persuna jew persuni falzament akkuzati.

---

[2] Notes on Criminal Law, Vol. II, p. 58.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija vs Doreen Zammit** deciz 15 ta' Gunju 2001 fejn gie deciz li *"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l- element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il- persuna fil-fatt ma kienitx ghamlet dak ir-reat, bil- konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel."*

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal dak li jghallem l-Imhallef William Harding fejn fil-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tratta r-reat ta' **falza denunzja**:

*"Biex ikun hemm ir-reat ta` falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok hal azzjoni kriminali persegwibili quddiem il-Qorti ta` Gustizzja Kriminali. Ghaldaqstant min jiddenunzja falsament membru tal-Pulizija, li naqas mid-dmirijiet tieghu, ghalkemm jista` jgib konsegwenzi serji skond l-Oridnanza tal-pulizija, ma hux hati ta` kalunja. Ghax denunzja simili tista` taghti lok ghal inkjesta mill-kummissjaru tal-Pulizija, u l-piena tigi irrogata mill-Eccellenza Teighu l-Gvernatur, jew mill-Kummissajru jew Ufficjali iehor kompetenti, imma ma taghtix lok ghal azzjoni kriminali kontra dak il-membru tal-pulizija quddiem il-Qrati Kriminali. Dik id-denunzja pero`, tammonta ghal ingurja lil dak il-membru tal-Pulizija, u tigi punita taht dispozizzjonijeit diversi minn dawk li jikkontemplaw ir-reat tal-kalunnja."*[3]

Illi dwar il-kalunja l-Professur Sir Anthony Mamo jsostni li:

[3] **Il-Pulizija Vs Vincenzo Attard** tas-7 ta' Novembru 1949

*... the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct, such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of... indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority.*

Illi l-imputata irrapportat lill-Pulizija Ezekuttiva incident li fil-fehma taghha sehh. Minn imkien ma jirrizulta li l-imputata kienet qed tipprova tiddenunzja fatt li fil-fehma taghha ma sehhx. Dak li kellha tipprova l-Prosekuzzjoni kien li l-imputata kienet qed tiffabrika storja.

Ghaldaqstant, l-imputata ma tistax tinstab hatja tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u b'hekk ser tigi liberata minnhom.

**It-tieni imputazzjoni – Ksur tal-artikolu 110(2) tal-Kap 9**

Permezz tat-tieni (2) imputazzjoni l-imputata giet akkuzata bir-reat kontemplat fl-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe s-simulazzjoni ta' reat.

Dwar s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 110 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

*"Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq johloq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali*

*sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sena."*

Illi dwar is-simulazjoni ta' reat, ir-reat kontemplat f'l-artikolu 110(2) l-Professur Mamo jghid hekk:

*"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. [...] This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged [...]. The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. [...] Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation".*

Illi fis-sentenza moghtija fis-16 ta' Frar 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il- Pulizija vs David Mizzi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti fuq din id-disposizzjoni tal-ligi:

*"Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is- simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u*

*f’simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta’ dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta’ l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx.”*

Dan ir-reat ta’ simulazzjoni ta’ reat huwa differenti mir-reat ta’ kalunja ghaliex f’dan ir-reat m’hemmx akkuza specifika kontra persuna specifika u m’hemmx l intenzjoni tal-agent li jressaq il-Qorti persuna innocenti. Il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Farrugia** [ per Vincent Degaetano] nhar it-2 ta’ April 2004 qalet li l- Artikolu 110 (2) huwa destinat sabiex jikkreja inkonvenjent u pregudizzju lill-awtoritajiet kompetenti ghaliex ikollhom jahlu il-hin sabiex jinvestigaw rapporti dwar reati li fil-verita’ ma sehhewx apparti l-allarm li jistghu jikkrejaw lill-pubbliku. F’dan il-kaz l-element intenzjonali jikkonsisti fil-fatt li l-agent iressaq informazzjoni dwar allegat reat li jaf li ma sehhx u ghalhekk l-intenzjoni specifika hija dik sabiex tizvijja il-gustizzja. Dan hu reat formali u hu kkonsmat fil-mument li jsir ir-rapport lill-pulizija esekuttiva.

Il-Qorti ser tikkwota dak kollu li qal l-Imhallef Vincent Degaetano minhabba l-importanza taghha:

> “Issa, ma hemmx dubbju li, bhal fil-kaz tarreat ta’ kalunja, biex ikun hemm id-denunzja lill-awotorita` kompetenti, ma hemmx ghalfejn li jigu osservati lformalitajiet preskritti fl-Artikoli 537 *et. seq.* tal-Kodici Kriminali: huwa bizzejjed li l-kalunja jew ir-reat simulat jingieb, anke

jekk biss bil-fomm, a konjizzjoni tal-awtorita` kompetenti[4]. Issa huwa veru li, ghall-finijiet tar-reat ta' kalunja (Art. 101), hemm gurisprudenza fis-sens li ddenunzja trid tkun spontanea u mhux biss volontarja. Lewwel darba li dan il-punt gie affermat mill-Qrati taghna jidher li kien fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-Qrati tal-Magistrati) tal-24 ta' Ottubru, 1951 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Nicola Brincat et*** (deciza mill-kompjant Imhallef Anthony Montanaro Gauci)[5]. F'dik is-sentenza dik il-Qorti dahlet f'certu dettal dwar dan il-punt kontrovers (fejn anke id-dottrina Taljana jidher li ma kienitx konkordi), izda jidher li kienet influwenzata principalment bil-kummenti tal-Falzon filktieb tieghu **Annotazioni alle Leggi Criminali per l'Isola di Malta e sue Dipendenza**[6].

Ir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 110, pero`, gie introdott fil-ligi taghna bl-Ordinanza IX ta' l-1911 hu – kif josserva l-Professur Sir Anthony Mamo fl-appunti tieghu[7] – din iddisposizzjoni giet mudellata kwazi kelma b'kelma fuq l- Artikolu 211 tal-*Codice Zanardelli*[8]. Hija ghalhekk il-gurisprudenza jew id-dottrina, anke jekk Taljana, dwar din id-disposizzjoni li wiehed, se mai, ghandu jsegwi hu mhux dik dwar il-kalunja. Dan qed jinghad ghax, fil-fehma ta' din il-Qorti, filwaqt li ghar-reat ta' kalunja wiehed jifhem li l-ispontanieta` tad-denunzja tista' tkun importanti proprju biex taccentwa l-intenzjoni specifika, li l-agent irid ikollu, sabiex jinkolpa persuna partikolari li

[4] ***Il-Pulizija v. Nicholas Ellul*** App. Krim. 21 ta' Novembru, 1985.

[5] Ara wkoll ***Il-Pulizija v. Bashir Mohtar Ben Duoi u Luccarda sive Luckie Pace*** App. Krim. 26 ta' Awwissu, 1998.

[6] Malta, 1872.

[7] Notes on Criminal Law, Vol. II, p. 68.

[8] Articolo 211: "Chiunque denunzia all'Autorita` giudiziaria o ad un pubblico ufficiale, il quale abbia obbligo di riferirne all'Autorita` stessa, u reato che sa non essere avvenuto, ovvero ne simula le tracce, in modo che si possa iniziare un procedimento penale per accertarlo, e` punito….". Fil-kodici vigenti Taljan, l-artikolu li jitratta s-simulazzjoni ta' reat huwa l-Artikolu 367.

huwa jkun jaf li hi innocenti, fil-kaz tar-reat ta’ simulazzjoni ta’ reat din il-Qorti ttendi li tara l-uzu tal-kelma “jiddenunzja” fis-sens generiku li “igib a konjizzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva”.

L-inkriminazzjoni skond l-Artikolu 110(2) hija intiza proprju biex tipprevjeni li l-awitorita` kompetenti toqghod tahli z-zmien tindaga dwar reat li ma jkunx effittivament sehh, apparti l-allarm li l-ahbar jista’ jnissel fil-pubbliku u l-fatt li, fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet tal-Pulizija jista’ jaqa’ suspett – intortament – fuq persuni li jkunu totalment innocenti. Francesco Antolisei, a propositu tar-reat kontemplat fl-Artikolu 367 tal-Kodici vigenti Taljan, jghid hekk:

**A proposito della prima forma va notato che l’espressione “denuncia” non e` usata nell’articlo 367 in senso tecnico. Essa comprende anche il referto e il rapporto e, in genere, ogni *notitia crminis*, orale o scritta, non importa se presentata spontaneamente dal soggetto o per invite dell’Autorita` (per es., in un interrogatorio).**[9]

U anke l-insinji awtur Luigi Majno, fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 211, jghid hekk:

**Fu giudicato che, a costituire questo reato, non e` neccessaria la spontaneita` assoluta della denunzia: applicarsi quindi l’art. 210 [recte: 211] alla falza denunzia [anche quando e`] stata preceduta da qualche indagine del pubblico ufficiale.**[10]

[9] Antolisei, F., ***Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II***, Giuffre` (Milano), 1986, p. 895.
[10] Maino, L., ***Commento al Codice Penale Italiano – Volume Secondo***, UTET (Torino), 1924, p. 312, para. 1088.

U Ranieri Babboni jissintezza hekk l-iskop ta' l-inkriminazzjoni u r-rwol tad-denunzja:

**Trattandosi di un delitto contro l'amministrazzione della giustizia, l'elemento obiettivo del medesimo sta nell'inganno della gustizia stessa, che, per effetto della denunzia, deve procedere alle relative indagini, e niuna importanza ha la mancanza nella denunzia dei requisiti degli art. 98-100 cod. proc. pen., purchè vi sia la possibilità di un procedimento. Sull'attitudine della denunzia a determinare l'attività degli organi giudiziari non possono stabilirsi regole precise, e ogni giudizio in proposito dipende dall'apprezzamento dei fatti nei singoli casi. Può in generale affermarsi che la denunzia deve provenire da persona in grado di comprendere l'atto che compie, e deve riferirsi a un fatto che si presenti nell'insieme come un reato. Non è neccessario che la denunzia sia fatta spontaneamente, potendo essere costituita anche da risposte date all'Autorità giudiziaria, che venga per tal modo informata del preteso reato.**

**Equivale a denuncia la conferma davanti all'Autorità giudiziaria della notizia d'un reato fornita precedentemente ad altra Autorità.**[11] (sottolinear tal-Qorti )"[12]

Illi, maghmula din l-analizi legali ta' dan ir-reat, l-elementi legali li jsawwru dana r-reat ma jirrizultawx f'dan il-kaz peress illi minn imkien ma jirrizulta illi l-imputata kienet qed tipprova tohloq xi tracci ta' reat jew inkella illi kienet qed

[11] Babboni, R., "Dei delitti contro l'Amministrazione della Giustizia" in Babboni, R., *et al.* ***Trattato di Diritto Penale***, Vallardi (MilanoBabboni, R., "Dei delitti contro l'Amministrazione della Giustizia" in Babboni, R., *et al.* ***Trattato di Diritto Penale***, Vallardi (Milano), Seconda Edizione, Vol. V, p. 33.), Seconda Edizione, Vol. V, p. 33.
[12] Appell Kriminali Inferjuri - **Il-Pulizija vs Anthony Farrugia** - Imh. Vincent Degaetano, 2 ta' April 2004

tipprova tohloq b'mod qarrieqi xi provi foloz jew iddenunzjat lill-Pulizija xi reat li taf li ma jkunx sehh. Dan ir-reat jippostula sitwazzjoni fejn persuna tivvinta li sar xi reat jew bil-qerq tohloq xi provi jew tracci li sehh xi reat bhal, per ezempju, il-kaz li jsehh ta' sikwit f'binjiet pubblici fejn persuna taghmel rapport anonimu illi hemm xi bomba f'wiehed minn dawn il-postijiet, li hija s-simulazzjoni verbali jew diretta. Jew inkella li sabiex jivvinta li sofra serqa mill-vettura tieghu, l-agent jkisser wahda mill-*quarter windows*, sabiex il-Pulizija jibdew jaghmlu l-investigazzjonijiet dwar ir-reat tas-serq – din hija s-simulazzjoni reali u indiretta. Illi l-ghan ta' l-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa li jippenalizza l-persuna illi jivvinta li sar reat kemm b'mod verbali kif ukoll materjali, sabiex b'hekk jinbdew investigazzjonijiet kriminali bl-ghan li jigi accertat il-kummissjoni ta' dana l-allegat reat. Il-Professur Mamo jghid:

*"The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed and not in the intent to harm, directly by the simulation, any other person."*

Mehud in konsiderazzjoni dak li xehdu x-xhieda kollha f'dawn il-proceduri ma hemmx dubbju illi dan ma jinkwadrax ruhu fil-fatti speci tal-kaz in dizamina. Ma jirrizultax li l-imputata ddenunzjat lill-Pulizija reat li taf li ma sarx.

Ghaldaqstant, l- imputata ma tistax tinstab hatja tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u b'hekk ser tigi liberata minnha.

**Ir-raba' imputazzjoni – Ksur artikolu 338(dd)**

Illi dwar ir-raba' imputazzjoni ta' storbju w ksur tal-bon ordni, jidher li dan sar fil-prezenza ta' terzi.

Illi, kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Paul Busuttil"** [23.6.1994] per Vincent Degaetano. :-

*"Bhala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Krminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-ghemil. Dan ir-reat javvra ruhu meta jkun hemm dak li fl-Common Law jissejjah 'a breach of the peace'. "*

Fl-istess sentenza l-Qorti kienet ccitat mill-ligi w mill-gurisprudenza Ingliza in materja w kompliet tghid :-

*"The essence of the offence is causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In* ***Ferguson v. Carnochan*** *(1889) it was said not necessarily to be " alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace." Alarm may now be too strong a term: in* ***Macmillan vs. Normand*** *(1989) the offence as committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen.." (p.192)*

Dan ir-reat jirrizulta mix-xiehda ta' PC 1077 Anthony Theuma, Raymond Mifsud, Priscilla Vassallo, Aloisia Cuseni Sare' u Joseph Vella li assistew ghal dan "it-twerzieq" u tghajjir lill-impjegati. Dan sar fil-pubbliku u assistew ghalih

numru ta’ persuni. L-attegjament tal-imputata, anke jekk seta’ kellha xi forma ta’ ragun, tilfitu bl-ghemil taghha li mhux accettabli f’socjeta’ ccivilizzata.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti jirrizulta r-reat kontravvenzjonali in dizamina.

**Il-Hames akkuza**

L-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 indikat mill-prosekuzzjoni fl-imputazzjoni numru hamsa (5) m’huwiex l-artikolu korrett li jinkwadra l-akkuza adebitata lill-imputata. Il-prosekuzzjoni kellha takkuza lill-imputata bl-Artikolu 338(ee). Ghalhekk l-akkuza kif dedotta ma tirrizultax.

**Is-sitt imputazzjoni – Ksur ta’ Artikolu 339(d)**

L-Artikolu 339(d) tal-Kap 9 jghid li *“ihebb kontra persuna sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa’ taht xi dispozizzjonijiet ohra ta’ dan il-Kodici”.*

Il-prosekuzzjoni sostniet li l-imputata kisret dan l-artikolu tal-Kodici Kriminali meta *“hebbet kontra l-persuna ta’ Raymond Mifsud sabiex tingurja, idejjaq jew taghmel hsara lil din il-persuna”.*

Ghal dik li hija kazistika l-Qorti tirreferi ghall-kaz **‘Il-Pulizija vs Stephen Borg’** deciz mill-Imhallef Vincent Degaetano fis-26 ta’ Jannar 1999 fejn il-Qorti qalet hekk:

*'L-att li bih tali forza tigi ezercitata jrid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita' li jikkaguna xi hsara lill-persuna tal-ufficjal pubbliku, zghira kemm hi zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt ebda hsara ma tkun ikkagunata, u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara; hekk, per ezempju, jkun il-kaz ta' min simpliciment jimbotta bil-goff jew ostili lill-ufficjal pubbliku li jkun intimalu li ser jarrestah jew ta' min jibda jithabat meta jkun f'idejn l-ufficjal pubbliku, propju biex jehles minn idejh. Mhux bizzejjed attakk bil-kliem, anke jekk dak il-kliem ikun iebes, ingurjuz jew minatorju. Mhix bizzejjed ir-rezistenza passiva (bhal meta wiehed jintelaq mal-art) jew l-uzu ta' forza applikata fuq oggett. Differenti hu l-kaz ta' min, biex jirrezisti arrest, iwaddab xi oggetti fil-konfront ta' ufficjal pubbliku ghax hawn ikun ivolut l-uzu ta' forza illegittima li tkun qed tigi diretta lejn il-persuna u permezz tal-att li ghandu l-potenzjalita' li jikkaguna hsara lill-persuna.'*

Il-Qorti tqis li l-imputata kienet taht stress qawwi u barra minn dan, l-att fiziku kien limitat biss **ghall-allegata rifsa**. Barra minn dan kollu, dan l-incident seta' kien evitat bi ftit diplomazija, prudenza u sens komun, tliet ingredjenti li fiz-zmien li qeghdin nghixu fih saru rari fis-socjeta' taghna.

Il-Qorti mhix issib lill-imputata hatja dwar din l-imputazzjoni.

**Prosekuzzjoni**

Il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni messha kienet aktar kawta qabel ghagglet u ddecidiet li tohrog dawn l-akkuzi kontra l-imputata.

Hija l-Qorti li trid taghmel apprezzament tal-fatti u tara min hu hati u min m'huwiex u mhux x'temmen il-Prosekuzzjoni minn filmat li tarah kemm tarah wiehed jista' jaghti interpretazzjoni differenti u jasal ghal konkluzzjonijiet varji.

Il-Qorti tinnota li f'dan il-kaz kien hemm mankanza fejn ma ngabet l-ebda prova mill-pulizija dwar x'gara fl-Ghassa tal-Pulizija dakinhar tal-incident fl-Evans Building meta l-imputata ttiehdet l-Ghassa flimkien mal-habiba taghha.

F'dawn il-proceduri l-pulizija naqsu li jipprezentaw xi tip ta' rapport, il-PIRS, li normalment ikun prezentat f'kawzi bhal dawn.  Il-Qorti baqghet sajma dwar x'gara wara l-hin tal-incident.  Mill-istqarrijiet tal-imputata u l-habiba taghha l-Qorti saret taf li dawn waqt li kienu l-Ghassa tal-Pulizija baghtuhom ic-Centru tas-Sahha u qalulhom biex wara jmorru lura u jaghmlu rapport.  Dawn ma marrux lura kif intalbu jaghmlu.  Kien ikun aktar ghaqli li l-pulizija jdahhlu rapport dwar l-incident u wara jekk ikun hemm bzonn izidu aktar informazzjoni fir-rapport kif normalment isir u mhux jithallew jitilqu.

Il-Qorti ma tridx processi quddiemha nofs kedda. Il-Qorti tifhem li l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt hija mpenjata wisq b'xoghol ta' kull tip u jista' jkun li m'hemmx ir-rizorsi umani bizzejjed.  Hafna mill-membri tal-Korp qeghdin jaghmlu hafna aktar minn dak mistenni minnhom biex jaghtu servizz lic-cittadini.

**Decide**

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi nflitta, l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa tal-imputata, izda fuq kollox l-isfond li fih sehh dana l- incident.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputata hatja dwar l-ewwel (1), t-tieni (2), t-tielet (3), l-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni, u wara li rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni numru erbgha (4) migjuba kontra taghha u tikkundannha canfira u twiddiba.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-hatja.

Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputata thallas l-ispejjes ta' periti jew esperti nominati f'din l-kawza ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti rat li ma gie nominat ebda perit jew espert w ghalhekk, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------